*Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla*
*"Nisimgħu Leħen il-Maħbub"*



**Skop**
L-iskop li għalih jiġi ċċelebrat il-Kungress tax-Xirka huwa biex isseħħ t-talba li għallimna Ġesu': 'jitqaddes ismek', u biex fl-istess ħin issir tpattija xierqa għall-offiżi li jsiru 'l Alla kontra l-Isem Mqaddes tiegħu.

**Innu**
Huwa veru dak li nkantaw fl-innu tax-Xirka: "min ikasbar l-Isem tiegħek għandu qalbu tal-ħadid". Alla huwa l-istess imħabba u għalhekk ma jistax ma jħobbx lilna l-bnedmin. Għaliex mela l-bniedem, li llum hawn u għada mhux, jażżarda jeħodha kontra Alla bid-dagħa?

**Id-dagħa**
Ma nistgħux naħbu li dan il-vizzju huwa komuni ħafna u nisimgħuh saħansitra f'fomm it-tfal. Huwa għalhekk li l-ġenituri għandhom jgħassu 'l uliedhom li ma jittieħdux minn ċkunithom minn dan il-vizzju.
L-insara mbagħad li jiltaqgħu ma' dawk t-talin li forsi 'bla ma jittendu' jweġġgħu lis-Sinjur Alla, jinħtieġ li jsikktu b'imħabba u f'qalbhom ilissnu xi ġakulatorja ta' tifħir 'l Alla.

**Tpattija**
"Aħna nistgħu nqaddsu l-Isem mqaddes t'Alla bit-talb li nagħmlu, bis-sehem li nieħdu fil-Liturġija, basta dawn l-affarijiet nagħmluhom kif imiss. *(Isqof Em. Nikol Cauchi)*

*Mons Salv Muscat, Arċipriet Nadur*

## *Jistgħu jinteressawk*

Il-Tnejn 7 ta' April: Jum Dinji tas-Saħħa
It-Tlieta 8 ta' April: Laqgħa għaż-żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella ta' l-Universita' 7.15pm)
Il-Ħadd 13 ta' April: Jum Dinji ta' talb għall-Vokazzjonijiet

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa



*"Ibqa' magħna, Mulej." Hekk talbuk d-dixxipli u hekk wkoll nitolbuk aħna, Ibqa' magħna biex tgħallimna l-kelma tiegħek…ibqa' magħna biex tifthilna għajnejna fil-mumenti tad-dlam…ibqa' magħna biex tikkonsolana fl-isolament tagħna…ibqa' magħna biex nifthu qalbna miegħek.*




It-3 Ħadd tal-Għid • Sena A • Id-39 Sena (2037) • 6 ta' April 2008

***Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa***
***Lq 24, 13-35***



Tnejn mid-dixxipli kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, sittin stadju 'l bogħod minn Ġerusalem, jitħaddtu bejniethom fuq kull ma kien ġara. Ġesu' nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħarfuh.
U hu qalilhom: "X'intom titħaddtu bejnietkom intom u mexjin?" Wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: "Int waħdek f'Ġerusalem il-barrani li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?" "X'ġara?" staqsiehom. Qalulu: "Fuq Ġesu' ta' Nażaret, li kien profeta, setgħan fl-egħmil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu, kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh biex ikun ikundannat għall-mewt u sallbuh."
Imbagħad qalilhom Ġesu': "Kemm intom bla għaqal u moħħkom tqil biex temmnu dak kollu li qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?"
Waqt li kien fil-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qasmu u tahulhom. Għajnejhom imbagħad infetħulhom u għarfuh, iżda hu kien għab minn quddiemhom. U wieħed lill-ieħor bdew igħidu: "Ma kenitx imħeġġa qalbna ġewwa fina waqt li kien qiegħed ikellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?"

**RIFLESSJONI**
- Id-diskors tad-dixxipli ta' Għemmaws dwar dak li ġara juri li ma' kienux indifferenti għal dak li seħħ madwarhom.
- L-indifferenza taqtek barra mill-ġrajja ta' madwarek, qisek qed tgħix barra mill-komunita' u magħluq għall-grazzja.
- Fejn hemm interess ġenwin, anke jekk jidħol il-biża u d-dubju, Ġesu' jersaq lejna biex ifehmna, u jagħtina d-dawl tal-kelma tiegħu.
- Dan ir-rakkont jgħallimna ninterpretaw il-ġrajjiet li jseħħu madwarna fid-dawl ta' l-Iskrittura Mqaddsa.
- L-Ewkaristija hija l-mument qawwi fejn Ġesu' juri lilu nnifsu lilna, u jsir ħaġa waħda magħna.
- L-esperjenza tagħna ma' Ġesu' tagħmilna Evanġelizzaturi għall-oħrajn.